MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 6/2014

**Seduta tad-29 ta' Lulju 2015**

**Appell numru: 6/2014**

**CARMELO u JOANNE konjugi GALEA**

**Vs**

**PHILIP BORG BARTHET (ID 457180M) ghan-nom ta' BETA Centre**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunjzata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur imoghtija fil-05 ta' Marzu 2014 fejn gie deciz:-

***"It-Tribunal***

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-27 ta' Settembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talab rifuzjoni ta' elfejn mija u hamsa u disghin Ewro (€2,195.00), rapprezentanti l-ispejjez necessarji, sabiex ix-xoghol isir mill-gdid, u dana minhabba li l-gypsum boards li nxtraw minghand l-intimat kienu difettuzi.*

*L-intimat pprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u x-xhieda tal-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi tal-kaz;*

***Ikkonsidra s-segwenti:***

***Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-***

*Huma kienu xtraw xi materjal (cement boards/gypsum boards) minghand l-intimat. Wara xi ftit zmien, ir-rikorrenti bdew jinnutaw xi likwidu hiereg mill-hitan. Illi ghalhekk, huma kellmu lill-intimat u wara xi zmien kienu rcevew email, fejn l-intimat kien qalilhom li l-problema kienet ghaliex il-prodott kien difettuz. Il-problema bejn il-partijiet inqalghet meta ddiskutew l-ammont, fejn l-intimat kien talabhom igibu quotation, ghaliex l-intimat ma kellux min seta' jaghmel ix-xoghol, u ra li l-ammont tal-quotation kien gholi. Ir-rikorrenti dejjem insistew li kull ma riedu kien li x-xoghol jinqala' u jerga' jsir sew, jaghmlu min jaghmlu.*

***L-intimat issottometta bil-miktub illi:-***

*Ir-rikorrenti kienu xtraw xi materjal minghand il-hanut tieghu, li kien jinkludi cement board, gysum board u profile tal-hadid uzati ghall-armar ta' partitions, wall lining u suffitti f'Jannar u Frar tas-sena 2011.*

*Dan il-materjal gie mqieghed mir-rikorrenti.*

*Fil-bidu tas-sena 2012, ir-rikorrenti kienu marru l-hanut tal-intimat fejn ilmentaw li kien qieghed johrog xi ilma minn go s-cement boards u wrewh xi ritratti wkoll, liema ritratti ntbaghtu lis-supplier ta' l-intimat. Ma giex stabbilit jekk dan il-fenomenu ta' l-ilma kien kawza ta' xi difett fil-materjal imma s-supplier ta' l-intimat stqarr li dan jigri meta jkun hemm umdita` eccessiva fil-post fejn twahhlu l-boards. Fil-fatt, dawn nixfu meta inxteghlet il-fireplace u xxottat l-arja.*

*Madanakollu, l-intimat kien offra immedjatament li jikkumpensa b'xi mod lir-rikorrent bhala klijenti tieghu. Ir-rikorrenti xtaqu li jinqala' dan il-materjal minn mal-hajt u jerga' jsir mal-hajt u jerga' jsir ix-xoghol bil-gypsum boards minflok cement boards, izda din id-darba ma jaghmilx ix-xoghol ir-rikorrent Carmelo Galea, imma jitqabbad bniedem jew kumpanija professjonali biex iwahhal dan ix-xoghol.*

*L-intimat offra l-gypsum boards b'xejn biex isir dan ix-xoghol, peress illi dan ix-xoghol l-ewwel darba sar mir-rikorrent Carmelo Galea, izda r-rikorrenti xtaqu li jgib stima minghand bniedem professjonali ghal dan ix-xoghol. Wara xi ftit, ir-rikorrenti marru bi stima ta' €2195.98.*

*Il-materjal kollu li nxtara mill-intimat ghandu total ta' €593.79 inkluz il-VAT, izda dan jinkludi hafna materjal ta' gypsum board, li ntuza ghas-sofitt, li ma wera' l-ebda sinjal ta' ilma jew difett.*

*It-total ta' cement board u hadid li ntuza ghal dawn bix isir il-hajt li fuqu qieghdin jilmentaw ir-rikorrenti, kien ta' ®280.00. Illi ghalhekk, l-intimat offra l-ammont ta' €600.00 lir-rikorrenti, li dawn ikopru l-prezz tal-boards u hadid u x-xoghol li ghamel ir-rikorrent Carmelo Galea, kif ukoll zebgha u tikhil li seta' kien hemm fuq il-boards.*

***It-Tribunal jinnota illi:-***

*Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw l-verzjoni taghhom bil-miktub, fejn Carmelo Galea zied jistqarr illi huma kienu xtraw gypsum boards u wara ftit zmien hargilhom difett. Il-prodott kien hazin u l-intimat kien ammetta maghhom li l-prodott kien hazin. L-intimat kien offrielhom €600.00, li pero` m'huwiex bizzejjed biex terga' taghmel l-istruttura. L-intimat qalilhom biex igibu stima. Joanne Galea tistqarr illi l-argument hu li ghandhom wall unit u jridu jbiddiluh. Il-wall unit ma jsirx b'xejn. Ir-ragel taghha hadmu hu stess. L-argument hu l-labour.*

*Ir-rikorrenti ezebew sett ta' dokumenti, li gew immarkati bhala Dok. JG1; flimkien ma' sett ta' disgha (9) ritratti, li gew immarkati bhala Dok. QT1 sa Dok QT3 (diga' mmarkati bhala Dok RH1 sa Dok.RH9) u soft copy ta' l-istess ritratti, diga' mmarkat bhala Dok.CD; ezebew ukoll tliet (3) dokumenti, diga' mmarkati bhala Dok.QMB, Dok.QLI u Dok.QAP; flimkien ma' dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok.QT4, u dokument li gie mmarkat bhala Dok.CJG1.*

*Ir-rikorrenti ezebew tliet (3) aluminium air vents, flimkien ma' kampjuni mehud mis-cement boards animo ritirandi waqt is-seduta.*

*In kontro-ezami, ir-rikorrent Carmelo Galea stqarr illi huma kienu xtraw il-materjal biss, u li l-ammont ta' €600.00 ikopri l-materjal.*

*It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-ntimat fix-xhieda guramentata tieghu rega' ikkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn zied stqarr illi r-rikorrenti kienu marru ghall-parir kemm il-darba qabel xtraw il-construction boards. Imbaghad ir-rikorrenti kienu qalulu li kien johrog l-ilma minnhom. L-intimat ma accettax ir-responsabbilita` u offrielhom tal-boards u x-xoghol, u din l-offerta' saret biex tkopri l-'hassle'.*

*L-intimat esebixxa sett emails, li gew immarkati bhala Dok.PBB; flimkien ma' dokument li gie mmarkat bhala Dok.PBB1.*

*In kontro-ezami, l-intimat stqarr illi kien likwidu u mhux ilma kif kien xehed. Huwa ma marx fuq il-post tar-rikorrenti, allura ma jistax jikkonferma jekk kienx umduz. Sa fejn jaf hu, qatt ma kellu problemi bhal dawn fuq it-trillite boards. Is-supplier qatt ma kkonfermalu li l-boards kienu difettuzi u qatt ma kien jaf li falla. M'huwiex espert biex jispjega ghalfejn il-gypsum ma gralu xejn. Fejn twahhlu t-trilite boards hareg dan il-materjal.*

*It-Tribunal jinnota illi, stante li, hekk skond l-intimat, ma giex stipulat li l-boards kienu difettuzi, u li ghalhekk il-kont zgur ma jistax jitla' ghal elfejn Ewro (€2000.00), l-intimat qed joffri l-ammont tal-boards biss lir-rikorrenti.*

*It-Tribunal innomina lil Vincent E. Ciliberti bhala espert tekniku sabiex jeccedi fuq il-post u jirrelata dwar l-ilment tar-rikorrenti.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jaghmel referenza ghall-email datata 18 ta' Jannar 2012 mibghuta mill-intimat lis-suppliers barranin, liema email giet ezebita mill-intimat stess, u mmarkata bhala Dok.PBB, u li fiha jintqal, fost diversi ammissjonijiet taciti ohra da parte ta' l-intimat rigwardanti l-fatt illi l-istess tip ta' boards li xtraw ir-rikorrenti kienu difettuzi: "we have samples of the boards which were not even installed and these are wet and very brittle" It-Tribunal iqis ukoll illi l-intimat kien offra minghajr pregudizzju li jirrifuza l-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600.00) lir-rikorrenti, liema ammont ikopri "il-prezz tal-boards tal-hadid u xoghol li ghamlu r-rikorrenti kif ukoll zebgha u tikhil li seta' kien hemm fuq il-boards". Illi wara li gew ezaminati l-provi kollha prodotti u wara li t-Tribunal ha*

*konjizzjoni tar-relazzjoni ta' l-espert tekniku, Vincent E. Ciliberti, fejn gie konkluz "Illi mill-inkartament prezentat lill-esponenti, jirrizulta bl-aktar mod evidenti li l-materjal supplit falla. Dan jirrizulta anke minn korrispondenza li l-intimat kellu mas-suppliers fic-China, fejn l-intimat stqarr li dan il-kaz ma kienx l-ewwel ilment li kellu dwar il-materjal supplit, imma kellu lmenti ohra, ta lanqas minghand zewg klijenti ohra li ressqu l-istess tip ta' ilment" u fejn gie konkluz ukoll illi "fl-opinjoni ta l-esponenti t-talba tar-rikorrenti m'ghandix teccedi l-ammont ta' elf u erbgha mitt Euro (€1,400), eskluz pero` l-valur il-boards godda li l-intimat dispost biex jikkumpensa", liema valur tal-boards it-Tribunal josserva li huwa ta' mitejn u tmenin Ewro (€280.00), it-Tribunal qed jilqa' it-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' elf sitt mija u tmenin Ewro (€1680.00) lir-rikorrenti, b'dan illi l-ispejjez tal-kawza, inkluz l-ispejjez tal-espert tekniku, ghandhom jinqassmu fi kwoti ta' 75% a karigu ta' l-intimat u 25% a karigu tar-rikorrenti."*

Minn din is-sentenza l-intimat Philip Borg Barthet ghan-nom ta' BETA Centre ħassu aggravat u interpona l-preżenti appell fejn ilmenta in sintezi illi it-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi li kellu quddiemu u inoltre ma ingiebet l-ebda prova dwar x'kien id-difett allegat fit-trilite RMS boards mibjugha lill-appellati jew x'kienet il-kawza ta'l-allegat difett, fatt illi l-espert nominat mit-Tribunal naqas milli jindaga.

Illi ma hemmx dubbju illi dak li qed jitlob l-appellanti huwa illi din il-Qorti taghmel valutazzjoni mill-gdid tal-provi migbura quddiem it-Tribunal u dan ghaliex jishaq illi t-tribunal ghalkemm ikkonkluda illi l-materjal supplit lix-xerrej kien wiehed difettuz, madanakollu naqas milli jidentifika x'kienet il-kawza ta' tali difett u li allura kien hemm ness bejn il-kawza u l-effett sabiex b'hekk tigi stabbilita r-responsabbilta tal-appellanti ghall-istess. Jallega inoltre illi peress illli x-xoghol tal-kostruzzjoni tal-*wall unit* bil-materjal supplit minnu sar interament mill-appellanti Carmelo Galea li anke uza zebgha mixtrija minn terzi, allura t-Tribunal kellu jindaga jekk id-difetti riskontrati bit-tnixxiegha ta' likwidu aciduz mit-*trilite boards* kienx dovut ghall-agir ta'l-appellat u mhux

minhabba li l-materjal supplit kien difettuz. Prova ta' dan kien jinkombi fuq l-appellati li skont l-appellanti naqqsu minn dana l-obbligu.

Illi ghalkemm din il-Qorti dejjem hadet il-linja illi ma tiddisturbax b'mod legger l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal billi dan kellu l-opportunita li jixtarr direttament il-provi migbura *viva voce*, madanakollu kienet tal-fehma illi kellha tifli l-atti processwali u senjatament id-dokumenti hemmhekk esebieti. Dan ghaliex mill-e-mails skambjati bejn l-appellanti u id-ditta gestita minnu u il-fornitur tal-materjal fic-Cina, jirrizulta illi id-difett riskontrat mill-appellati kien gie ukoll riskontrat minn klijenti ohra ta'l-appellanti. Jidher illi l-fornitur Ciniz ta' dan il-materjal dejjem cahad illi kien hemm xi difett u jishaq illi dak li kien qed jikkawza it-tnixxija tal-likwidu mill-*boards* kien il-fatt illi kien qed isir uzu minnhom hazin, dana ghalkemm jidher illi kienet giet moghtija garanzija illi l-prodott seta' jintuza anke f'postijiet umduzi billi l-materjal huwa "*damp proof*". Jidher, izda li dan ma kienx il-kaz billi mill-istess e-mails jidher illi l-appellanti kellu diversi klijenti li ilmentaw mill-istess difett ghalkemm il-*boards* gew installati f'kmamar fejn ma kienx hemm sors ta' umdita'.

Illi din il-Qorti fil-fatt fliet anke il-*web-site* tal-fornitur Ciniz fejn jirrizulta illi l-prodott mertu ta' din il-vertenza huwa reklamat b'dan il-mod.




**DYBM™ Magnesium oxide board Description**

DYBM™ Magnesium oxide board is known as magnesium board,MGO board.The main raw material is MgO and MgCl2 .It is characterized by waterproof,fireproof and Not deformation .

DYBM™ Magnesium oxide board enjoys strong points in morefields compared with the plasterboard and the traditional partition board, either in the decoration for modem construction or the fire-resistent division for the industrial workshops

DYBM™ Magnesium oxide board are smokeless and innocuous and 100% free from asbestos element which is harmful to human body. The board material is processed through antistatic treatment and is added with special recipes to enhance the stability. The face is smooth and free of air holes, non-reaction with halogen and not colored, thus the face is naturally smooth.
The unique strongpoint of magnesium board is that it can be applied to many sites, such as office block, shopping center, aggregated apartments, steel reinforcement high-rises, bathrooms and museums, department stores, cinemas, acoustics rooms, industrial workshops, laboratories, and bathrooms and wash rooms where it is usually damp and so on [1].

Illi dak mistqarr f'dan ir-reklam madanakollu isib kontradizzjoni xjentifika fl-ezamijiet maghmula fil-laboratorju tal-likwidu li inhareg minnu. Fil-fatt minn dawn l-ezamijiet xjentifici jirrizulta illi ir-rata ta' umdita fihom hija wahda gholja meta imqabbla ma' dik tal-gebla, b'persentagg ta' 29.5%.

Illi dan ukoll gie ikkonfermat mill-espert inkarigat mit-Tribunal Vincent Ciliberti li ikkonstata *ictu oculi* t-tixrib fil-materjal u l-hsara konsegwenzjali li sehhet fl-*aluminium* u l-materjal l-iehor tal-madwar minhabba l-kontenut aciduz li fih.

Illi minn dawn ir-risultanzi processwali ghalhekk ma ghandux ikun dubitat illi l-materjal supplit kien wiehed li minn natura tieghu kien difettuz u mhux idonja ghall-uzu li ried isir minnu mix-xerrej, haga li l-appellanti bhala kummercjant u venditur kien fi dmir li jinforma lix-xerrej, tenut kont illi kien hemm klijenti ohra li ilmentaw minnu, tant illi allura kien anke lest illi jikkumpensah ghall-materjal difettuz fornit. Dan huwa ukoll statutorjarment imhares fl-artikolu 73(1) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta.

**"L-intensita ta' dan il-provvediment ghat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiz li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegh illi l-oggetti "ikunu**

[1] http://www.dybm.net/product/mgoboard-220.html

**konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta’ l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew xort’ohraipprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell (subpara. “a”), ikunu adatti ghall-iskop partikulari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom (subpara. “b”), ikunu adatti ghall-iskop li ghalih oggetti ta’ l-istess tip normalment jintuzaw (subpara “c”) u juru l-kwalita u l-kapacita li huma normali f’oggetti ta’ l-istess tip u li l-konsumatur jista’ ragonevolment jistenna ... (subpara “d”);[2]”**

Dan ghaliex:

“**Kull ma jghaddi z-zmien, specjalment in materja ta’ drittijiet ghall-protezzjoni tal-konsumaturi, jassumi riljev aktar deciziv l-obbligu tal-venditur jew prestatur ta’ servizzi li jforni lill-konsumatur l-informazzjoni kollha pertinenti ghall-oggett komprat jew tas-servizz offert. Dan jirrientra fl-ambitu ta’ dak id-dover ta’ lealta` versu l-konsumatur ta’ l-oggett jew tas-servizz u dak tat-tutela ta’ l-interessi tieghu fil-formazzjoni tal-kuntratt. Jekk xejn, ghall-qaghda ta’ parita` bejniethom[3]. “**

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata bl-ispejjez ta’ dina l-istanza ikunu ghak-karigu tal-appellanti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] App. Inf. Agnes u Carmel Mattocks vs KNK 23/04/2010

[3] App.Inf. Pia Grech vs Mondial Travel 07/11/2008